

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-16 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Commissione tributaria regionale della Campania – l-Italja) – Antonio Capaldo SpA vs Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Salerno

(Kawża C-496/19) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Kodiċi Doganali tal-Komunità – Regolament (KEE) Nru 2913/92 – Verifika tal-merkanzija – Talba għal reviżjoni tad-dikjarazzjoni doganali – Verifika a posteriori)

(2020/C 297/24)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione tributaria regionale della Campania

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Antonion Capaldo SpA

Konvenuta: Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio delle dogane di Salerno

Dispożittiv

L-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix il-ftuħ tal-proċedura ta' reviżjoni tad-dikjarazzjoni doganali li huwa jipprovdi, anki jekk il-merkanzija kkonċernata tkun ġiet suġġetta, waqt importazzjoni preċedenti, mingħajr kontestazzjoni, għal spezzjoni fiżika li tikkonferma l-klassifikazzjoni tariffarja tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 257, 21.10.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-16 ta' Lulju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa (Senāts) – il-Litwanja) – SIA “Soho Group” vs Patērētāju tiesību aizsardzības centrs

(Kawża C-686/19) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Kuntratti ta' kreditu għall-konsumatur – Direttiva 2008/48/KE – Kunċett ta' “l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur” – Spejjeż marbuta mal-estensjoni tal-kreditu)

(2020/C 297/25)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa (Senāts)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: SIA “Soho Group”

Konvenut: Patērētāju tiesību aizsardzības centrs